16

Refalo
ADVOCATES

10 JAN 2020

**Is-Segretarju**
**It-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar**
**PO Box 172**
**Marsa**
**Malta**

10 ta' Jannar 2020

Avviz biex Tieqaf u ta Twettieq EC/00209/19

Post Sit fi Triq il-Kokka, San Gwann

Sinjur/a

Ninsab inkarigat niktiblek ghan-nom ta' Mario Dingli [KI 347752 M ] ta' 151, Triq il-Hilda, San Gwann sabiex nintavola l-prezenti appell quddiem it-Tribunal fir-rigward tal-Avviz skont l-Artikoli 95, 97 u 100 tal-Att VII tal-2016 dwar l-Ippjanar tal-Izvilupp Avviz biex Tieqaf u ta Twettiq mahrug nhar it-3 ta' Dicembru 2019.

Bis-sahha tal-prezenti ittra u ai termini tal-Artikolu 13(3) tal-Kap.551 tal-Ligijiet ta' Malta, l-esponenti qieghed iressaq appell mill-Avviz biex Tieqaf u ta Twettieq mahrug mill-Awtorita tal-Ippjanar:

1) Illi fl-ewwel lok u preliminarjament jigi sottomess illi fl-Avviz biex Tieqaf u ta' Twettiq l-Awtorita ghamlet biss referenza generika ghall-atti li skontha jikkostitwixxu ksur ta' ligi u dan minghajr ma indikat id-dizpozzizzjonijiet specifici tal-ligi fuq liema qieghed jigi allegat il-ksur u l-konsegwenti rettifika ta' da parti tal-esponenti. Jigi sottomess illi dan in-nuqqas jillimita u jippregudika id-dritt diga limitat tal-esponenti illi jappelli mill-Avviz odjern u jikkritika l-mod u l-manjiera ta kif inhareg tali Avviz.

Illi f'dan is-sens l-istess Avviz mahrug mill-Awtorita huwa proceduralment monk u daqstant ghandu jigi dikjarat null.

Illi fi kwalsiasi kaz u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti sejjer jipprocedi biex jitratta l-aggravji tieghu u dan sa fejn huwa possibli tenut kont tan-nuqqasijiet hawn fuq imsemmija u bla pregudizzju li jinghataw aggravji ulterjuri skond il-ligi;

2) Illi fit-tieni lok jigi eccepiet illi l-Awtorita tal-Ippjanar ma hijiex l-Awtorita kompetenti sabiex tohrog l-Avviz biex Tieqaf u ta' Twettiq fir-rigward tal-allegati nuqqasijiet indikati fl-istess u dan billi tali nuqqasijiet ma jaqghux fil-mansjonijiet taghha u huma regolati minn ligijiet specifici.

Illi semai kellu tkun l-Awtorita ghall-Ambjent u r-Rizorsi li tiehu azzjoni fil-konfront tal-esponenti ghall-allegati nuqqasijiet u mhux l-Awtorita tal-Ippjanar.

3) Illi fit-tielet lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost jigi sottomess illi l-Awtorita ghandha ggib prova ta' meta u kemm ilhom jissussistu l-allegati nuqqasijiet indikati fl-Avviz biex Tieqaf u ta' Twettiq.

4) Illi fir-raba lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost l-esponenti ma rema l-ebda skart jew oggetti ohra fis-sit indikat fis-sit u ghaldaqstant ma jistax jinstab hati u jigi ordnat inehhi skart u mpost moghti penali li tikkonsisti f'sanzjoni ta' natura kriminali ghal xi haga li huwa ma wettaqx personalment.

Ghaldaqstant, fid-dawl tar-ragunijiet hawn fuq premessi u ghal dawk ir-ragunijiet l-ohrajn li sejrin jirrizultaw waqt it-trattazzjoni ta' dan l-appell l-appellanti jitlob bir-rispett lil dan it-Tribunal joghgbu jhsaar u jirrevoka l-Avviz skont l-Artikoli 95, 97 u 100 tal-Att VII tal-2016 dwar l-Ippjanar tal-Izvilupp Avviz biex Tieqaf u ta Twettiq mahrug nhar it-3 ta' Dicembru 2019 numru EC/00209/19

Av. Mark Refalo

Av. Manuel Galea